Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,299, 22 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 310 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Diabetes Care – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Diabetes Care – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Diabetes Care – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa u tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 207 tal-2018, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (6) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(6) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti li jiġu aċċettati jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għall-*occupational health assessment* biex ikun aċċertat li huma tajbin jagħmlu xogħol relatat mal-pjazzamenti kliniċi. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika."